MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2010

Numru. 712/2009

**Teddy Cachia, bin Eucharistic u Speranza nee' Dimech, imwieled fit-2 ta' Awwissu 1969 u residenti Cachia, Triq ta' Luvier, Munxar, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-identita numru 21169(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Teddy Cachia li gie akkuzat talli nhar l-04.08.2009 u fil-granet ta' qabel fir-residenza Maria Bambina, Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex u fir-residenza Cachia, Triq ta' Luvier, Munxar, Ghawdex:

1. minghajr hsieb li jisraq/jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel jew xort ohra bl-awtorita tieghu innifsu fixkel lil Josephine Cachia;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta minghajr dubbju u fuq ammissjoni tal-imputat stess illi huwa biddel is-serratura tad-dar matrimonjali u l-garaxx minghajr il-kunsens ta' martu, liema dar hija proprjeta parafernali tal-istess martu. Dana ghamlu jikkontendi sabiex martu ma tkomplix tiehu affarijiet mid-dar matrimonjali;

Il-Qorti hija tal-fehma illi dana huwa kaz klassiku ta' raggion fattasi;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 85 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati, tikkundannah multa ta' mitt Euro (€100), tordna lill-imputat sabiex fi zmien gimghatejn mil-lum huwa jghaddi kopja tac-cwievet tal-istess proprjeta lill-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------